MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1608/2004

**Georgiano Muscat**

**vs**

**Joseph Debono**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Awissu, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' erba' mija u sittin lira Maltin (Lm460) rappresentanti bilanc minn somma akbar dovuti abbazi ta' skrittura privata datata 21 ta' Frar 2003 fl-atti tan-Nutar Dr. Keith Francis German li kienet ghas-somma ta' Lm600 u li minnhom l-konvenut hallas Lm140 biss.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mit-12 ta' Marzu 2003 kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi ghalkemm debitament notifikat, l-konvenut baqa' ma deherx ghas-seduti quddiem it-Tribunal u lanqas ipprezenta risposta skond il-ligi.

Sema' x-xhieda ta'l-attur li ikkonferma bil-gurament tieghu illi l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti, u cioe' kopja ta'l-iskrittura iffirmata bejn il-partijiet, esebieta a fol.4 tal-process kif ukoll affidavit kontenenti x-xhieda ta' Joseph Zammit esebiet bhala Dokument GM2 a fol.5 tal-process.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' erba' mija u sittin lira Maltin (Lm460), bl-imghaxijiet legali mit-30 ta' April 2003.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------